MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1980/2002

**Angelo Caruana**

**vs**

**Joseph Grech u b'digriet tas-27 ta' Jannar, 2003, it-Tribunal jordna l-korrezzjoni, fis-sens li isem il-konvenut jinqara John minflok Joseph**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-21 ta' Awissu, 2002 fejn intalab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mitt lira jew ammont verjuri li jigi likwidat minn dan it-Tribunal rapprezentanti danni sofferti mill-attur minhabba incident awtomobilistiku li sehh nhar il-11 ta' Lulju, 2002 fil-Gudja meta l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tal-**

**marka Isuzu (nru ta' reg. JAK 793) u habat fil-vettura ta' l-attur, liema ncident sehh unikament minhabba imperizja negligenza u non osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 7 ta' Awissu 2002.**
**Bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Settembru, 2002, li fiha ntqal:**
**Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tal-esponenti, izda gara unikament tort tas-sewwieq Christopher Caruana u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.**
**Salve eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Angelo Caruana, Christopher Caruana,**
**PS 849 Ivan Curmi, John Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Semgha lid-difensuri jitrattaw il-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fil-11 ta' Lulju, 2002 fil-Gudja hekk kif tohrog mill-Kirkop tunnels fid-direzzjoni tal-Gudja. L-incident gara ghal habta tan-nofs siegha ta' bil-lejl bejn il-vettura KBE 094 misjuqa minn Christopher Caruana u proprjeta' ta' l-attur u l-vettura JAU 793 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Jirrizulta illi l-incident sehh waqt li Christopher Caruana li kien miexi fid-direzzjoni tal-Gudja skond kif indikat fl-isketch Dok IC 2, intlaqat mill-vettura tal-konvenut. Caruana kien miexi fil-karreggjata ta' gewwa cioe' fuq ix-xellug, filwaqt li l-konvenut kien miexi fuq il-lemin.**
**3. Skond Christopher Caruana l-konvenut ghafas ghal fuqu u laqtu fuq il-mudguard ta' quddiem fuq in-naha tal-lemin. Kif ighid hu: "ghax dahlet fil-karreggjata tieghi". B'konsegwenza ta' dan Caruana**

**rass mal-bankina u habat mal-bankina u wara waqaf, filwaqt li l-konvenut baqa' sejjer ghal xi hamsa u ghoxrin metru (25m).**

**4. Il-konvenut qed ighid illi hu qatt ma habat ma' Caruana. It-Tribunal fir-rigward tax-xhieda tal-konvenut ghandu diversi rimarki x'jaghmel pero' dawna ser jaghmilhom aktar 'il quddiem.**

**5. Is-surgent tal-Pulizija PS849 Ivan Curmi li kien investiga l-incident ighid illi l-vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni f'karreggjati differenti hergin mill-mina u l-incident gara hekk kif hargu mill-mina. Rilevanti hafna dak li qal is-surgent dwar il-konvenut meta qal "John Grech kien qed isuq taht l-effett ta' l-alcohol." Jirrizulta li sar breath alcohol test li jinsab esebit bhala Dok IC 3 fejn insab pozittiv. Jirrizulta li sarlu test iehor id-depot u rega' instab pozittiv ghall-alcohol.**

**6. Skond Grech waqt li kien qed isuq fil-karreggjata ta' barra ghaddej b'xi hamsa u tletin jew erbghin mili fis-siegha jew kilometri fis-siegha sema' break qawwi u hares fil-mera u ra karroza fuq il-bankina. Fir-rigward it-Tribunal jinnota li hemm diversi inkonsistenzi f'dak illi qed ighid il-konvenut ghaliex fl-ewwel lok jekk kien hemm tassew break qawwi kif qed jallega suppost li kien hemm xi ndikazzjoni anke minima ta' break marks, pero' ma jirrizultax li kien hemm break marks. In oltre jekk kien tassew miexi b'din il-velocita' li hu stess lanqas ma jaf jekk kienux kilometri fis-siegha u mili fis-siegha, suppost illi waqaf mall-ewwel meta skond ma jghid hu sema' hoss fuq wara. Il-konvenut ighid li ma ntlaqatx u ghalhekk it-Tribunal hawnhekk jistaqsi x'kien il-hoss li kien fuq wara. It-Tribunal hu tal-fehma illi xi ftit kellu effett l-alcohol peress li dana lanqas ma nduna li ntlaqat. Ghalkemm ma ntlaqatx, kif jallega hu, hu xorta waqaf u hareg jara x'gara. Il-konvenut ighid li ma ghandhux hsara fil-karozza. Pero' anke fir-rigward it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut mhux qed ighid il-verita' ghaliex ir-road accident report jitkellem car u hemm imnizzel li kien hemm "scratches on rear left door, packing and scratches on rear mudguard." Cert kemm hu cert il-konvenut meta jghid illi lanqas**

**girfa ma kellu fil-karozza, t-Tribunal ma jemmnux ghaliex ampjament jirrizulta mod iehor sija mix-xhieda ta' Caruana kif ukoll dik tas-surgent u kif intqal ir-road accident report esebit.**

**7. It-Tribunal jiddeplora l-fatt li l-konvenut biex jipprova jehles mit-tort kellu wkoll jinvolvi lil bintu sabiex din tixhed affarijiet illi evidentement huma l-oppost ta' dak li jirrizulta mill-fatti, bhal meta tghid li l-karozza ma kellhiex girfa.**

**8. Jirrizulta illi minhabba li l-konvenut kien qed isuq taht l-effett ta' l-alcohol dan ma kienx qieghed jippresta bizzejjed attenzjoni u dana tassew invada l-karreggjata li minna kien ghaddej l-attur fid-dritt bil-konsegwenza illi laqat lill-attur fuq in-naha tal-lemin, fil-bieba ta' quddiem u l-mudguard ta' quddiem, u b'konsegwenza ta' din l-attur rass ghal fuq il-bankina u garrab id-danni fuq ir-rota tax-xellug fin-naha ta' quddiem. Apparti minn dan jirrizulta wkoll illi l-attur kellu danni fil-mera tal-lemin. Kien sar survey datat 19 ta' Lulju, 2002 Dok AC 1 esebit.**

**9. Id-danni rizultanti mill-incident jammontaw ghal hames mija u erbgha liri Maltin erba' u sittin centezmu (Lm504.64c) skond id-Dok AC 2 u AC 3 esebiti, pero' peress illi l-attur qed jitlob hames mitt lira t-Tribunal qed jillikwida d-danni f'dan l-ammont.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut kif fuq intqal, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira (Lm500) bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Frar 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-7 ta' Awissu 2002 ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------